32005L0008

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/8/KE

tas-27 ta' Jannar 2005

li temenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-bhejjem

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-bhejjem [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/32/KE tipprovdi li l-użu ta' prodotti intenzjonati għall-għalf ta' l-annimali tipprovdi li l-użu ta' prodotti intenzjonati għall-għalf ta' l-animali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jeċċedu l-livelli massimi mniżżla f'Anness I tagħha huwa projbit.

(2) Meta d-Direttiva 2002/32/KE kienet adottata, il-Kummissjoni ddikjarat li d-dispożizzjonijiet mniżżla f'Anness I għal dik id-Direttiva ser ikunu riveduti abbażi ta' eżaminazzjonijiet xjentifiċi aġġornati tar-riskju u billi tittieħed in konsiderazzjoni l-projbizzjoni ta' kull sustanza dilwita ta' prodotti kontaminati li ma jikkonformawx, intenzjonati għall-għalf ta' l-annimali.

(3) Qabel ma' tkun tista ssir reviżjoni kompleta bbażata fuq eżaminazzjoni xjentifika aġġornata tar-riskju, huwa neċessarju li nipprovdu għal ċertu emendi fid-dawl ta' żviluppi fit-tagħrif xjentifiku u tekniku.

(4) Huwa xieraq jiġi kjarifikat it-terminu *green fodder*.

(5) Peress illi l-provvista tal-karbunat tal-kalċju, materjal essenzjali u ta' valur għall-għalf, tista' tkun ipperikolata peress illi l-livell ta' merkurju totali minħabba kontaminazzjoni normali fl-isfond hija viċin jew teċċedi l-livell massimu mniżżel fl-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE, dak il-livell massimu għandu jiġi emendat, billi jittieħed in konsiderazzjoni li l-merkurju huwa preżenti fil-karbunat tal-kalċju fil-forma inorganika tiegħu u li l-Kumitat Xjentifiku għall-Alimentazzjoni ta' l-Annimali jikkonferma li l-merkurju f'forma inorganika huwa inqas tossiku b'mod sinifikanti minn merkurju organiku, b'mod partikolari merkurju tal-metil.

(6) Il-livell massimu għall-fluworin f'għalf ieħor komplimentari ta' l-annimali huwa 125 mg/kg kull 1 % fosfru. Għall-raġunijiet ambjentali, il-livell ta' fosfru fl-għalf ta' l-annimali huwa ristrett u d-diġestibilità bijoloġika tal-fosfru hija mtejba billi jsir użu minn enżima bħal *phytase*. Għalhekk mhuwiex aktar xieraq li jiġi stabbilit il-livell massimu kull 1 % tal-fosfru imma li jiġi stabbilit il-livell massimu għall-għalf komplimentari relattiv għal għalf ta' l-annimali b'kontenut ta' ilma ta' 12 %.

(7) Id-Direttiva 2002/32/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(8) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, mhux iżjed tard minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jgħaddu lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/100/KE (ĠU L 285, 1.11.2003, p. 33).

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar is-27 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-kolonna 2 ringiela 2, ċomb, in-nota tal-qiegħ li ġejja hija inserita wara l-kelma *green fodder*:

"(*) *green fodder* jinkludi prodotti intenzjonati għall-għalf ta' l-annimali bħal ħuxlief, ħżin ta' ħaxix ta' l-għalf f'sajlo, ħaxix frisk, eċċ …"

(2) Ringiela 3, fluworin, huwa emendat kif ġej

(a) In-Noti tal-qiegħ ([1]) u ([2]) huma mħassra

(b) Il-kliem "taħlit minerali tal-bhejjem ta' l-ifrat, tan-nagħaġ u l-mogħoż — 2 000 ([1])" u "Għalf ieħor komplimentari ta' l-annimali – 125 ([2])" huma sostitwieti bil-kliem "Għalf komplimentari ta' l-annimali li fieh ≤ 4 % fosforu – 500" u "Għalf komplimentari ta' l-annimali li fih > 4 % fosforu – 125 għal 1 % fosforu".

(3) Ringiela 4, merkurju, hija sostituta b'dan li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf ta' l-annimali	Kontenut massimu f' mg/kg (ppm) relattiv għal għalf ta' l-annimali b'kontenut ta' irtuba ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
"4. Merkurju	Materjali ta' l-għalf bl-eċċezzjoni ta':	0,1
	— għalf ta' l-annimali prodott bl-ipproċessar ta' ħut jew annimali oħra tal-baħar	0,5
	— karbunat tal-kalċju	0,3
	Materjali ta' l-għalf shih bl-eċċezzjoni ta':	0,1
	— għalf shih ta' l-annimali għall-klieb u l-qtates	0,4
	Għalf komplimentari ta' l-annimali ħlief — għalf shih ta' l-annimali għall-klieb u l-qtates	0,2"